Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B **REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 432/2014**

tat-22 ta' April 2014

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 43/2014 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd

(ĠU L 126, 29.4.2014, p. 1)

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 138, 13.5.2014, p. 112 (432/2014)

▼B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 432/2014

tat-22 ta' April 2014

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 43/2014 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 ([1]) il-Kunsill iffissa, għall-2014, l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni.

(2) L-opportunitajiet tas-sajd għal bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet Norveġiżi u tal-Gżejjer Faeroe, u għal bastimenti Norveġiżi u tal-Gżejjer Faeroe fl-ilmijiet tal-Unjoni, u l-kundizzjonijiet tal-aċċess għal riżorsi fl-ilmijiet ta' xulxin, huma stabbiliti kull sena wara konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tas-sajd skont il-proċeduri stipulati fil-ftehimiet jew il-protokolli dwar ir-relazzjonijiet tas-sajd man-Norveġja ([2]) u l-Gżejjer Faeroe ([3]), rispettivament. Sa meta jkunu konklużi dawk il-konsultazzjonijiet dwar l-arranġamenti għall-2014, ir-Regolament (UE) Nru 43/2014 iffissa opportunitajiet tas-sajd provviżorji għall-istokkijiet ikkonċernati. Il-konsultazzjonijiet man-Norveġja u l-Gżejjer Faeroe fit-12 ta' Marzu 2014 u t-13 ta' Marzu 2014 rispettivament. Barra minn hekk, fit-28 ta' Marzu 2014, ġew konklużi konsultazzjonijiet bejn l-Istati Kostli fir-rigwrad l-istokkafixx u bejn l-Unjoni, l-Iżlanda, in-Norveġja u l-Federazzjoni Russa fir-rigward tal-aringa Atlantu-Skandiku. Dan għen sabiex in-Norveġja u l-Unjoni jiddiskutu arranġamenti reċiproċi dwar aċċess għal riżorsi fl-ilmijiet ta' xulxin. Ir-Regolament (UE) Nru 43/2014 għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq.

(3) Skont l-eżitu tal-konsultazzjonijiet bejn l-Unjoni u n-Norveġja, l-Unjoni tista' tawtorizza s-sajd mill-bastimenti tal-Unjoni sa 10 % lil hinn mill-kwota disponibbli għall-Unjoni, sakemm kwalunkwe

([1]) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 tal-20 ta' Jannar 2014 li jiffissa għall-2014 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 24, 28.1.2014, p. 1).

([2]) Il-Ftehim dwar is-sajd bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja (ĠU L 226, 29.8.1980, p. 48).

([3]) Il-Ftehim dwar is-sajd bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra (ĠU L 226, 29.8.1980, p. 12).

▼B

kwantità utlizzata lil hinn mill-kwota disponibbli għall-Unjoni tkun imnaqqsa mill-kwota tagħha għall-2015. Bl-istess mod, fl-2015 l-Unjoni tista' tuża kwalunkwe kwantità mhux utilizzata sa 10 % tal-kwota disponibbli għaliha fl-2014. Huwa adatt li tali flessibbiltà ssir possibbli fl-iffissar ta' dawk l-opportunitajiet tas-sajd sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet ekwi għall-bastimenti tal-Unjoni billi l-Istati Membri kkonċernati jitħallew jagħżlu li jużaw kwota ta' flessibbiltà. Meta Stat Membru ma jkunx għażel l-użu tal-kwota ta' flessibilità fir-rigward ta' stokk partikolari, huwa xieraq li l-Artikoli 3 u 4 tar- Regolament (KE) Nru 847/96 jibqgħu japplikaw skont l-Artikolu 10(2) ta' Regolament (UE) Nru 40/2013.

(4) Fit-tieni laqgħa annwali tagħha fl-2014, l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO) adottat l-opportunitajiet tas-sajd li jikkonsistu f'qabda totali permissibli (total allowable catch — "TAC") għas-sawrell. Barra minn hekk, l-SPRFMO iddefinixxiet mill-ġdid iż-żona speċifika li għaliha se japplikaw il-limiti tal-qbid u l-isforz tas-sajd tal-qiegħ mill-4 ta' Mejju 2014 'il quddiem. Dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(5) Hemm il-ħtieġa li jiġu ċċarati ċerti dispożizzjonijiet marbuta ma' ċerti stokkijiet, ir-reġim tal-amministrazzjoni tal-isforz tas-sajd għal-lingwata tal-Kanal tal-Punent u l-obbligu ta' rappurtar speċifiku fil-kuntest tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali.

(6) Il-limiti tal-qbid u l-limiti tal-isforz tas-sajd stipulati fir-Regolament (UE) Nru 43/2014 japplikaw mill-1 ta' Jannar u mill-1 ta' Frar 2014 rispettivament. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar il-limiti tal-qbid u l-isforz tas-sajd għandhom għaldaqstant japplikaw minn dawk id-dati. Tali applikazzjoni retroattiva se tkun mingħajr ħsara għall-prinċipji taċ-ċertezza legali u l-protezzjoni ta' aspettattivi leġittimi peress li l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati għadhom ma ġewx eżawriti. Madankollu, il-limiti tal-qbid u tal-isforz tas-sajd tal-qiegħ fiż-żona speċifikata mill-SPRFMO għandhom japplikaw mill-4 ta' Mejju 2014. Peress li l-modifika ta' xi limiti tal-qbid u r-reġim tal-isforz tas-sajd taffettwa l-attivitajiet ekonomiċi u l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni, dan ir-Reglament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 43/2014

Ir-Regolament (UE) Nru 43/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, jitħassar il-paragrafu 3;

▼B

(2) l-Artikolu li ġej jiddaħħal:

"Artikolu 18a

Flessibbiltà fis-sajd tal-opportunitajiet ts-sajd ta' ċerti stokkijiet

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għall-istokkijiet li ġejjin:

(a) merluzz tal-linja sewda fiż-żona IV, l-ilmijiet tal-Unjoni ta' IIa;

(b) stokkafixx fl-ilmijiet tal-Unjoni u ilmijiet internazzjonali ta' I, II, III, IV, V, VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId, VIIIe, XII u XIV;

(ċ) kavalli fiż-żoni IIIa u IV; l-ilmijiet tal-Unjoni ta' IIa, IIIb, IIIc u IIId;

(d) kavalli fiż-żoni VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe; l- ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali ta' Vb; l-ilmijiet internazzjonali ta' IIa, XII u XIV;

(e) kavalli fiż-żoni VIIIc, IX u X; l-ilmijiet tal-Unjoni ta' CECAF 34.1.1;

(f) kavalli fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni IIa u IVa;

(g) aringa fl-ilmijiet tal-Unjoni, Norveġiżi u internazzjonali ta' I u I.

(h) pollakkju fil-Baħar tat-Trammuntana;

(i) barbarun fil-Baħar tat-Trammuntana;

(j) arringa fil-Baħar tat-Trammuntana ta' 53° N;

(k) arringa fiż-żoni IVc u VIId;

(l) merluzz fiż-żona IIIa.

2. Għal kwalunkwe waħda mill-ħażniet identifikati fil- paragrafu 1a, Stat Membru jista' jagħżel li jżid is-sett inizjali tiegħu fil-kwota tal-Anness I sa 10 %. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-Kummissjoni bil-miktub. Wara tali notifika, il-kwota miżjuda għandha titqies bħala l-kwota allokata lil dak l-Istat Membru għall-2014.

3. Kwalunkwe kwantità utilizzata fl-2014 taħt tali kwota miżjuda li teċċedi l-kwota inizjali għandha titnaqqas fuq bażi ta' tunnellata għal tunnellata għall-fini tal-ikkalkular tal-kwota tal-Istat Membru kkonċernat għall-istokk rilevanti għall-2015.

4. Kwalunkwe kwantità mhux utilizzata taħt il-kwota inizjali sa 10 % ta' dik il-kwota għandha tiżdied għall-fini tal-ikkalkular tal-kwota tal-Istat Membru kkonċernat għall- istokk rilevanti għall-2015.

▼B

5. Għandu jittieħed kont ta' kwalunkwe kwantità trasferita lejn Stati Membri oħrajn skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 kif ukoll ta' kwalunkwe kwantità mnaqqsa skont l-Artikoli 37, 105, u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 għall-fini li jiġu stabbiliti l- kwantitajiet utilizzati u l-kwantitajiet mhux utilizzati taħt il-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu.

6. Fejn Stat Membru jkun uża l-għażla fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu fir-rigward ta' stokk partikolari, l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 m'għandhomx japplikaw għal tali stokk fir-rigward ta' dak l-Istat Membru.";

(3) L-Artikolu 31 hu sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 31

Sajd tal-qiegħ

L-Istati Membri b'rekord tal-qbid jew tal-isforz tas-sajd tal-qiegħ fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2002 sal-31 ta' Diċembru 2006 għandhom jillimitaw il-qbid jew l-isforz tas-sajd tal-qiegħ tagħhom fiż-Żona tal-Konvenzjoni għal dawk il-partijiet taż-Żona tal-Konvenzjoni fejn seħħ is-sajd tal-qiegħ f'dak il-perjodu u għal livell li ma jaqbiżx il-livelli medji annwali ta' parametri tal-qbid jew tal-isforz matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2002 sal-31 ta' Diċembru 2006.";

(4) Fl-Artikolu 32(6), il-punt (b) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(b) jirrappurtaw l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafu (a) lill-Istat Membru li huma ċittadini tiegħu. L-Istati Membri għandhom jittrasmettu l-informazzjoni miġbura matul is-sena ta' qabel lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar 2014."

(5) L-Anness IA huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(6) L-Anness IB huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(7) L-Anness IJ jinbidel bit-test li jidher fl-Anness III ta' dan ir-Regolament;

(8) L-Anness IIC huwa emendat skont l-Anness IV ta' dan ir-Regolament;

(9) L-Anness III jinbidel bit-test li jidher fl-Anness V ta' dan ir-Regolament;

(10) L-Anness VIII jinbidel bit-test li jidher fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament;

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

▼B

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Madankollu,

(a) il-punt 3 tal-Artikolu 1 għandu japplika mill-4 ta' Mejju 2014: u

(b) il-punt 8 tal-Artikolu 1 għandu japplika mill-1 ta' Frar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

L-Anness IA tar-Regolament (UE) Nru 43/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) L-entrata għal tusk fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali taż-żoni V, VI u VII tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Tusk *Brosme brosme*	**Żona:**	L-ilmijiet tal-Unjoni u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni V, VI u VII (USK/567EI.)
Il-Ġermanja	13		
Spanja	46		
Franza	548		
L-Irlanda	53		
Ir-Renju Unit	264		
Oħrajn	13 (1)		
L-Unjoni	937		
In-Norveġja	2 923 (2) (3) (4)		
TAC	3 860	TAC analitika Japplika l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament.	

(1) Esklużivament għall-qabdiet inċidentali. Mhu permess ebda sajd dirett taħt din il-kwota.
(2) Għandhom jinqabdu fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa, IV, Vb, VI u VII (USK/*24X7C).
(3) Kundizzjoni speċjali: li minnhom, fi kwalunkwe mument, hija awtorizzata qabda inċidentali ta' speċijiet oħra ta' 25 % għal kull bastiment fiż-żoni Vb, VI u VII. Madankollu, dan il-perċentwal jista' jinqabeż fl-ewwel 24 siegħa wara l-bidu tas-sajd għal xi raġuni speċifika. It-total tal-qabda inċidentali ta' speċijiet oħrajn fiż-żoni Vb, VI u VII ma għandux jaqbeż l-ammont li ġej f'tunnellati (OTH/*5B67-):
3 000
(4) Inkluż il-lipp. Il-kwoti għan-Norveġja li ġejjin għandhom jinqabdu biss bil-konz fiż-żoni Vb, VI u VII.
Lipp (LIN/*5B67-) 5 500
Tusk (USK/*5B67-) 2 923
(5) Il-kwoti tat-tusk u l-lipp għan-Norveġja jistgħu jitpartu sal-ammont li ġej, f'tunnellati:
2 000"

(2) L-entrata għal tusk fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi	Tusk *Brosme brosme*	**Żona:**	L-ilmijiet Norveġiżi ta' IV (USK/04-N.)
Il-Belġju	0		
Id-Danimarka	165		
Il-Ġermanja	1		
Franza	0		
Il-Paġiżi l-Baxxi	0		
Ir-Renju Unit	4		
L-Unjoni	170		
TAC	Mhux rilevanti"	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax	

▼B

(3) L-entrata għal minfaħ fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk internazzjonali taż-żoni VI, VII u VIII tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi	Minfaħ *Caproidae*	**Żona:**	L-ilmijiet tal-Unjoni u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni VI, VII u VIII (BOR/678-)
Id-Danimarka	31 291		
L-Irlanda	88 115		
Ir-Renju Unit	8 103		
L-Unjoni	127 509		
TAC	127 509"		TAC analitika

(4) L-entrata għal aringa fiż-żona IIIa tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Aringa (1) *Clupea harengus*	**Żona**	IIIa (HER/03A.)
Id-Danimarka	19 357 (2)		
Il-Ġermanja	310 (2)		
L-Isvezja	20 248 (2)		
L-Unjoni	39 915 (2)		
Il-Gżejjer Faeroe	600 (3)		
TAC	46 750		TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax

(1) L-iżbark tal-aringi li jinqabdu fis-sajd bi xbieki b'daqsijiet tal-malja ta' 32 mm jew aktar.
(2) Kundizzjoni Speċjali: jistgħu jinqabdu sa 50 % ta' dan l-ammont fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona IV (HER/*04-C.).
(3) Jista' jiġi mistad biss fi Skagerrak (HER/*03AN.)."

▼B

(5) L-entrata għal aringa fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk Norveġiżi taż-żona IV fit-Tramuntana ta 53° 30′ N tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Aringa ([1]) *Clupea harengus*	**Żona:**	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk Norveġiżi taż-żona IV fit-Tramuntana ta' 53° 30' N (HER/4AB.)
Id-Danimarka	80 026		
Il-Ġermanja	49 675		
Franza	23 226		
Il-Pajjiżi l-Baxxi	59 291		
L-Isvezja	4 782		
Ir-Renju Unit	65 022		
L-Unjoni	282 022		
In-Norveġja	136 311 ([2])		
TAC	470 037	TAC analitika	

_____

([1]) L-iżbark ta' aringi maqbuda f'sajd bl-użu ta' xbieki bid-daqs tal-malji ta' 32 mm jew akbar. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw separatament dwar l-iżbark tagħhom ta' aringi fiż-żona IVa (HER/04A.) u ż-żona IVb (HER/04B.).

([2]) Qabdiet fil-limiti ta' din il-kwota għandhom jitnaqqsu mis-sehem Norveġiż tat-TAC. Fil-limitu ta' din il-kwota, mhux aktar mill-kwantitajiet mogħtija hawn taħt jistgħu jinqabdu fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' IVa u IVb (HER/*4AB-C).
50 000

Kundizzjoni speċjali:

fi ħdan il-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet mogħtija hawn taħt fiż-żona li ġejja:

	L-ilmijiet Norveġiżi fit-Tramuntana ta' 62° N. (HER/*04N-) ([1])
L-Unjoni	50 000

_____

([1]) iżbark ta' aringi maqbuda f'sajd bl-użu ta' xbieki bid-daqs tal-malji ta' 32 mm jew akbar. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw separatament dwar l-iżbark tagħhom ta' aringi fiż-żona IVa (HER/*4AN.) u ż-żona IVb (HER/*4BN.)."

(6) L-entrata għal aringa fl-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62° N tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi	Aringa ([1]) *Clupea harengus*	**Żona:**	L-ilmijiet Norveġiżi fit-Tramuntana ta' 62° N (HER/04-N.)
L-Isvezja	866 ([1])		
L-Unjoni	866		
TAC	470 037	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax	

_____

([1]) Il-qabdiet inċidentali ta' bakkaljaw, merluzz tal-linja sewda, pollakkju u merlangu u pollakkju iswed għandhom jingħaddu mal-kwota għal dawn l-ispeċijiet."

▼B

(7) L-entrata għal aringa fiż-żona IIIa tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Aringa ([1]) *Clupea harengus*	**Żona:**	IIIa (HER/03 A-BC)
Id-Danimarka	5 692		
Il-Ġermanja	51		
L-Isvezja	916		
L-Unjoni	6 659		
TAC	6 659	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax	

([1]) Esklussivament għall-iżbark ta' aringi li jinqabdu bħala qabda inċidentali fis-sajd bl-użu ta' xbieki b'daqs tal-malja iżgħar minn 32 mm."

(8) L-entrata għal aringa fiż-żoni IV, VIId u fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona IIa tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Aringa ([1]) *Clupea harengus*	**Żona:**	IV, VIId u l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona IIa (HER/2A47DX)
Il-Belġju	65		
Id-Danimarka	12 526		
Il-Ġermanja	65		
Franza	65		
Il-Pajjiżi l-Baxxi	65		
L-Isvezja	61		
Ir-Renju Unit	238		
L-Unjoni	13 085		
TAC	13 085	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax	

([1]) Esklussivament għall-iżbark ta' aringi li jinqabdu bħala qabda inċidentali fis-sajd bl-użu ta' xbieki b'daqs tal-malja iżgħar minn 32 mm."

▼B

(9) L-entrata għal aringa fiż-żoni IVc, VIId tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Aringa (1) *Clupea harengus*	**Żona:**	IVc, VIId(2) (HER/4CXB7D)
Il-Belġju	9 229 (3)		
Id-Danimarka	1 153 (3)		
Il-Ġermanja	716 (3)		
Franza	12 800 (3)		
Il-Pajjiżi l-Baxxi	22 837 (3)		
Ir-Renju Unit	4 969 (3)		
L-Unjoni	51 704		
TAC	470 037		TAC analitika

(1) Esklussivament għall-iżbark tal-aringi li jinqabdu fis-sajd bi xbieki b'daqsijiet tal-malja ta' 32 mm jew aktar.
(2) Minbarra l-istokk ta' Blackwater: ir-referenza hija għall-istokk tal-aringi fir-reġjun marittimu tal-estwarju tat-Thames f'żona delimitata minn linja rombu lejn in-Nofsinhar minn Landguard Point (51° 56′ N, 1° 19,1′ E) sal-latitudni 51° 33′ N u minn hemm lejn il-Punent sa punt fuq il-kosta tar-Renju Unit.
(3) Kundizzjoni Speċjali: sa 50 % ta' din il-kwota tista' tinqabad fiż-żona IVb (HER/*04B.)."

(10) L-entrata għal aringi fiż-żona VIIg, VIIh, VIIj u VIIk tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Aringa *Clupea harengus*	**Żona:**	VIIg (1), VIIh (1), VIIj (1) u VIIk (1) (HER/7G-K.)
Il-Ġermanja	248		
Franza	1 380		
L-Irlanda	19 324		
Il-Pajjiżi l-Baxxi	1 380		
Ir-Renju Unit	28		
L-Unjoni	22 360		
TAC	22 360		TAC analitika

(1) Din iż-żona għandha tiżdied bl-erja kkonfinata:
— lejn it-Tramuntana mil-latitudni ta' 52° 30' N,
— lejn in-Nofinshar mil-latitudni ta' 52° 00' N,
— lejn il-Punent mill-kosta tal-Irlanda,
— lejn il-Lvant mill-kosta tar-Renju Unit."

▼B

(11) L-entrata għal Bakkaljaw fi Skagerrak tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Bakkaljaw *Gadus morhua*	**Żona:**	Skagerrak (COD/03AN.)
Il-Belġju	10 (1)		
Id-Danimarka	3 177 (1)		
Il-Ġermanja	80 (1)		
Il-Pajjiżi l-Baxxi	20 (1)		
L-Isvezja	556 (1)		
L-Unjoni	3 843		
TAC	3 972	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax	

(1) Flimkien ma' din il-kwota, Stat Membru jista' jagħti allokazzjoni addizzjonali lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu li jkunu qed jipparteċipaw fi provi dwar attivitajiet tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ, fi ħdan limitu ġenerali ta' 12 % tal-kwota allokata lil dak l-Istat Membru, skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu II tat-Titolu II ta' dan ir-Regolament."

(12) L-entrata għal bakkaljaw fiż-żona IV; l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona IIa; dik il-parti ta' IIIa li mhix koperta minn Skagerrak u Kattegat għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Bakkaljaw *Gadus morhua*	**Żona:**	Iż-żona IV; l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona IIa; dik il-parti taż-żona IIIa li mhix koperta minn Skagerrak u Kattegat (COD/2A3AX4)
Il-Belġju	821 (1)		
Id-Danimarka	4 720 (1)		
Il-Ġermanja	2 992 (1)		
Franza	1 015 (1)		
Il-Pajjiżi l-Baxxi	2 667 (1)		
L-Isvezja	31 (1)		
Ir-Renju Unit	10 827 (1)		
L-Unjoni	23 073		
In-Norveġja	4 726 (2)		
TAC	27 799	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax	

(1) Flimkien ma' din il-kwota, Stat Membru jista' jagħti allokazzjoni addizzjonali lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu li jkunu qed jipparteċipaw fi provi dwar attivitajiet tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ, fi ħdan limitu ġenerali ta' 12 % tal-kwota allokata lil dak l-Istat Membru, skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu II tat-Titolu II ta' dan ir-Regolament.

(2) Jistgħu jinqabdu fl-ilmijiet tal-Unjoni. Qabdiet li jinqabdu fi ħdan din il-kwota għandhom jitnaqqsu mis-sehem tat-TAC tan-Norveġja.

Kundizzjoni speċjali:

fi ħdan il-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet mogħtija hawn taħt fiż-żona li ġejja:

	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV (COD/*04N-)
L-Unjoni	20 054"

▼B

(13) L-entrata għal bakkaljaw fl-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62°N tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Bakkaljaw *Gadus morhua*	**Żona:**	L-ilmijiet Norveġiżi fit-Tramuntana ta' 62° N (COD/04-N.)
L-Isvezja	382 (1)		
L-Unjoni	382		
TAC	Mhux rilevanti		TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax

(1) Il-qabdiet inċidentali ta' merluzz tal-linja sewda, pollakkju u merlangu u pollakkju iswed għandhom jingħaddu mal-kwota għal dawn l-ispeċijiet."

(14) L-entrata għal bakkaljaw fiż-żona VIId tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Bakkaljaw *Gadus morhua*	**Żona:**	VIId (COD/07D.)
Il-Belġju	70 (1)		
Franza	1 360 (1)		
Il-Pajjiżi l-Baxxi	40 (1)		
Ir-Renju Unit	150 (1)		
L-Unjoni	1 620		
TAC	1 620		TAC analitika

(1) Flimkien ma' din il-kwota, Stat Membru jista' jagħti allokazzjoni addizzjonali lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu li jkunu qed jipparteċipaw fi provi dwar attivitajiet tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ, fi ħdan limitu ġenerali ta' 12 % tal-kwota allokata lil dak l-Istat Membru, skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu II tat-Titolu II ta' dan ir-Regolament."

(15) L-entrata għal petrika fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Petrika *Lophiidae*	**Żona:**	L-ilmijiet Norveġiżi ta' IV (ANF/04-N.)
Il-Belġju	45		
Id-Danimarka	1 152		
Il-Ġermanja	18		
Il-Pajjiżi l-Baxxi	16		
Ir-Renju Unit	269		
L-Unjoni	1500		
TAC	Mhux rilevanti"		TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax

▼B

(16) L-entrata għal pertika f'VIIIc, IX u X; L-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Petrika *Lophiidae*	**Żona:**	VIIIc, IX u X; L-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 (ANF/8C3411)
Spanja	2 191		
Franza	2		
Il-Portugall	436		
L-Unjoni	2 629		
TAC	2 629"		TAC analitika

(17) L-entrata għal merluzz tal-linja sewda fiż-żona IIIa, l-ilmijiet tal-Unjoni tas-Subdiviżjonijiet 22-32 tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Merluzz tal-linja sewda *Melanogrammus aeglefinus*	**Żona:**	Iż-żona IIIa, l-ilmijiet tal-Unjoni tas-Subdiviżjonijiet 22 sa 32 (HAD/3A/BCD)
Il-Belġju	11		
Id-Danimarka	1 898		
Il-Ġermanja	121		
Il-Pajjiżi l-Baxxi	2		
L-Isvezja	224		
L-Unjoni	2 256		
TAC	2 355"		TAC analitika

(18) L-entrata għal merluzz tal-linja sewda fiż-żona IV; l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona IIa tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Merluzz tal-linja sewda *Melanogrammus aeglefinus*	**Żona:**	Iż-żona IV; l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona IIa (HAD/2AC4.)
Il-Belġju	238		
Id-Danimarka	1 637		
Il-Ġermanja	1 042		
Franza	1 816		
Il-Pajjiżi l-Baxxi	179		
L-Isvezja	165		
Ir-Renju Unit	27 002		
L-Unjoni	32 079		
In-Norveġja	6 205		
TAC	38 284		TAC analitika

Kundizzjoni speċjali:

fi ħdan il-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet mogħtija hawn taħt fiż-żoni li ġejjin:

	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV (HAD/*04N-)
L-Unjoni	23 862"

▼B

(19) L-entrata għal merluzz tal-linja sewda fl-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62°N tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Merluzz tal-linja sewda *Melanogrammus aeglefinus*	**Żona:**	L-ilmijiet Norveġiżi fit-Tramuntana ta' 62° N (HAD/04-N.)
L-Isvezja	707 (1)		
L-Unjoni	707		
TAC	Mhux rilevanti		TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax

(1) Il-qabdiet inċidentali tal-bakkaljaw, pollakkju, merlangu u pollakkju iswed għandhom jingħaddu mal-kwota għal dawn l-ispeċijiet."

(20) L-entrata għal merlangu fiż-żona IIIa tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Merlangu *Merlangius merlangus*	**Żona:**	IIIa (WHG/03A.)
Id-Danimarka	929		
Il-Pajjiżi l-Baxxi	3		
L-Isvezja	99		
L-Unjoni	1 031		
TAC	1 050"		TAC ta' prekawzjoni

(21) L-entrata għal merlangu fiż-żona IV; l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona IIa tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Merlangu *Merlangius merlangus*	**Żona:**	Iż-żona IV; l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona IIa (WHG/2AC4.)
Il-Belġju	326		
Id-Danimarka	1 410		
Il-Ġermanja	367		
Franza	2 119		
Il-Pajjiżi l-Baxxi	815		
L-Isvezja	3		
Ir-Renju Unit	10 193		
L-Unjoni	15 233		
In-Norveġja	859 (1)		
TAC	16 092		TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax

(1) Jistgħu jinqabdu fl-ilmijiet tal-Unjoni. Qabdiet li jinqabdu fi ħdan din il-kwota għandhom jitnaqqsu mis-sehem tat-TAC tan-Norveġja

Kundizzjoni speċjali:

fi ħdan il-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet mogħtija hawn taħt fiż-żoni li ġejjin:

	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV (WHG/*04N-)
L-Unjoni	10 320"

▼B

(22) L-entrata għal merlangu f'VIIb, VIIc, VIId, VIIe, VIIf, VIIg, VIIh, VIIj u VIIk tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Merlangu *Merlangius merlangus*	**Żona:**	VIIb, VIIc, VIId, VIIe, VIIf, VIIg, VIIh, VIIj u VIIk (WHG/7X7A-C)
Il-Belġju	202		
Franza	12 400		
L-Irlanda	5 747		
Il-Pajjiżi l-Baxxi	101		
Ir-Renju Unit	2218		
L-Unjoni	20 668		
TAC	20 668"	TAC analitika Japplika l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament.	

(23) L-entrata għal merlangu u pollakkju fl-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62°N tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Merlangu u pollakkju Merlangius merlangus u Pollachius pollachius	**Żona:**	L-ilmijiet Norveġiżi fit-Tramuntana ta' 62° N (WHG/04-N.) għall-merlangu; (POL/04-N.) għall-pollakkju
L-Isvezja	190 (1)		
L-Unjoni	190		
TAC	Mhux rilevanti	TAC ta' prekawzjoni	

(1) Il-qabdiet inċidentali ta' bakkaljaw, merluzz tal-linja sewda u pollakkju iswed għandhom jingħaddu mal-kwota għal dawn l-ispeċijiet."

(24) L-entrata għall-istokkafixx fl-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali fiż-żoni I, II, III, IV, V, VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId, VIIIe, XII u XIV tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Stokkafixx *Micromesistius poutassou*	**Żona:**	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni I, II, III, IV, V, VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId, VIIIe, XII u XIV (WHB/1X14)
Id-Danimarka	28 325 (1)		
Il-Ġermanja	11 013 (1)		
Spanja	24 013 (1) (2)		
Franza	19 712 (1)		
L-Irlanda	21 934 (1)		
Il-Pajjiżi l-Baxxi	34 539 (1)		
Il-Portugall	2 231 (1) (2)		
L-Isvezja	7 007 (1)		
Ir-Renju Unit	36 751 (1)		
L-Unjoni	185 525 (1) (3)		
In-Norveġja	100 000		
Il-Gżejjer Faeroe	15 000		
TAC	1 200 000	TAC analitika	

(1) Kundizzjoni speċjali: li mhux iktar mill-perċentwali li ġejjin jistgħu jinqabdu fiż-Żona Ekonomika Norveġiża jew fiż-żona tas-sajd madwar Jan Mayen (WHB/*NZJM1):
61,4 %

(2) Trasferimenti ta' din il-kwota jistgħu jiġu implimentatati għaż-żoni VIIIc, IX u X; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1. Madankollu, tali trasferimenti għandhom jiġu notifikati bil quddiem lill-Kummissjoni

(3) Kundizzjoni speċjali: li mhux iktar mill-kwantità li ġejja tista' tinqabad fl-ilmijiet tal-Faeroe (WHB/*05-F.):
25 000"

▼B

(25) L-entrata għall-istokkafixx fl-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali fiż-żoni II, IVa, V, VI fit-Tramuntana 56° 30′ N u VII fil-Punent ta' 12° W tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Stokkafixx *Micromesistius poutassou*	**Żona:**	L-ilmijiet tal-Unjoni fiż-żoni II, IVa, V, VI fit-Tramuntata 56° 30' N u VII fil-Punent 12° W (WHB/24A567)
In-Norveġja	177 983 (1) (2)		
Il-Gżejjer Faeroe	25 000 (3) (4)		
TAC	1 200 000	TAC analitika	

(1) Li jingħaddu mal-limiti fuq il-qbid tan-Norveġja stabbiliti taħt l-arranġament tal-Istati Kostali.
(2) Kundizzjoni speċjali: il-qabda fiż-żona IV ma għandhiex tkun iktar mill-ammont li ġej (WHB/*04A-C):
44 496
Dan il-limitu fuq il-qabda fiż-żona IV jammonta għall-perċentwal li ġej tal-kwota ta' aċċess tan-Norveġja:
25 %
(3) Għandhom jingħaddu mal-limiti fuq il-qbid tal-Gżejjer tal-Faeroe.
(4) Kundizzjonijiet speċjali: jistgħu jinqabdu wkoll fiż-żona VIb (WHB/*06B-C). Il-qabda fiż-żona IVa ma għandhiex tkun iktar mill-ammont li ġej (WHB/*04A-C):
6 250"

(26) L-entrata għal linarda fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni Vb, VI u VII tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Linarda *Molva dypterygia*	**Żona:**	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb, VI, VII (BLI/5B67-)
Il-Ġermanja	24		
L-Estonja	4		
Spanja	74		
Franza	1 693		
L-Irlanda	6		
Il-Litwanja	1		
Il-Polonja	1		
Ir-Renju Unit	431		
Oħrajn	6 (1)		
L-Unjoni	2 240		
In-Norveġja	150 (2)		
Il-Gżejjer Faeroe	150		
TAC	2 540 (3)	TAC analitika Japplika l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament.	

(1) Esklużivament għall-qabdiet inċidentali. Mhu permess ebda sajd dirett taħt din il-kwota.
(2) Għandhom jinqabdu fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa, IV, Vb, VI and VII (BLI/*24X7C).
(3) Qabdiet inċidentali tar-roundnose grenadier u tal-black scabbard fish għandhom jingħaddu ma' din il-kwota. Għandhom jistadu fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona VIa fit-Tramuntana 56° 30′ N u fiż-żona VIb."

▼B

(27) L-entrata għal-lipp fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IV tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Lipp *Molva molva*	**Zone:**	L-ilmijiet tal-Unjoni taż- żoni VI (LIN/04-C.)
Il-Belġju	16		
Id-Danimarka	243		
Il-Ġermanja	150		
Franza	135		
Il-Pajjiżi Baxxi	5		
L-Isvezja	10		
Ir-Renju Unit	1 869		
L-Unjoni	2 428		
TAC	2 428"	TAC analitika	

(28) L-entrata għal-lipp fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Lipp *Molva molva*	**Żona:**	L-ilmijiet tal-Unjoni taż- żoni VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV (LIN/6X14.)
Il-Belġju	32		
Id-Danimarka	6		
Il-Ġermanja	115		
Spanja	2 332		
Franza	2 487		
L-Irlanda	623		
Il-Portugall	6		
Ir-Renju Unit	2 863		
L-Unjoni	8 464		
In-Norveġja	5 500 (4) (5) (1)		
Il-Gżejjer Faeroe	200 (2) (3)		
TAC	14 164	TAC analitika Japplika l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament.	

(1) Kundizzjoni speċjali: li qabda inċendentali ta' speċi oħra ta' 25 % kull bastiment, fi kwalunkwe mument, hi awtorizzata fiż-żoni Vb, VI u VII. Madankollu. dan il-perċentwal jista' jinqabeż f'-ewwel 24 siegħa wara li jibda s-sajd fuq raġuni speċifika. Il-qabda inċidentali totali ta' speċi oħra fiż-żoni VI u VII ma għandhiex taqbeż l-ammont li ġej f'tunnellati (OTH/*6X14.) 2 000

(2) Inkluż it-tusk. Il-kwoti għan-Norveġja għandhom jinqabdu biss bil-konz fiż-żoni Vb, VI u VII, u jammontaw għal:
Lipp (LIN/*5B67-) 5 500
Tusk (USK/*5B67-) 2 923

(1) Il-kwoti tal-lipp u tat-tusk għan-Norveġja huma sostitwibbli sal-ammont li ġej, f'tunnellati:
3 000

(2) Inkluż it-tusk. Għandu jistad fiż-żoni VIb u VIa fit-Tramuntana ta' 56° 30' N (LIN/*6BAN.).

(3) Kundizzjoni speċjali: li qabda inċidentali ta' speċi oħra ta' 25 % kull bastiment, fi kwalunkwe mument, hija awtorizzata fiż-żoni VIa u VIb. Madankollu. dan il-perċentwal jista' jinqabeż fl-ewwel 24 siegħa wara li jinbeda s-sajd fuq raġuni speċifika. Il-qabda inċidentali totali ta' speċi oħrajn fiż-żoni VIa u VIb shall ma għandhiex taqbeż;-ammont li ġej f'tunnellati (OTH/*6AB.)
75"

▼B

(29) L-entrata għal-lipp fl-ilmijiet Norveġiżi tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Lipp *Molva molva*	**Żona:**	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV (LIN/04-N.)
Il-Belġju	7		
Id-Danimarka	835		
Il-Ġermanja	23		
Franza	9		
Il-Pajjiżi Baxxi	1		
Ir-Renju Unit	75		
L-Unjoni	950		
TAC	Mhux rilevanti"	TAC analitika Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	

(30) L-entrata għall-iskampu fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Skampu *Nephrops norvegicus*	**Żona:**	L-ilmijiet Norveġiżi ta' IV (NEP/04-N.)
Id-Danimarka	947		
Il-Ġermanja	0		
Ir-Renju Unit	53		
L-Unjoni	1 000		
TAC	Mhux rilevanti"	TAC analitika Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	

(31) L-entrata għall-gamblu tat-Tramuntana fiż-żona IIIa tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Gamblu tat-Tramuntana *Pandalus borealis*	**Żona:**	IIIa (PRA/03A.)
Id-Danimarka	2 308		
L-Isvezja	1 243		
L-Unjoni	3 551		
TAC	6 650"	TAC analitika Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	

▼B

(32) L-entrata għal Gamblu tat-Tramuntana fl-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62°N tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Gamblu tat-Tramuntana *Pandalus borealis*	**Żona:**	L-ilmijiet Norveġiżi fit-Tramuntana ta' 62° N (PRA/04-N.)
Id-Danimarka	357		
L-Isvezja	123 (1)		
L-Unjoni	480		
TAC	Mhux rilevanti		TAC analitika Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96

(1) Qabdiet inċidentali ta' bakkaljaw, merluzz tal-linja sewda, pollakkju, merlangu u pollakju iswed għandhom jingħaddu mal-kwoti ta' dawn l-ispeċijiet."

(33) L-entrata għall-barbun tat-tbajja' fi Skagerrak tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Barbun tat-tbajja' *Pleuronectes platessa*	**Żona:**	Skagerrak (PLE/03AN.)
Il-Belġju	60		
Id-Danimarka	7 830		
Il-Ġermanja	40		
Il-Pajjiżi l-Baxxi	1 506		
L-Isvezja	419		
L-Unjoni	9 855		
TAC	10 056"		TAC analitika Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96

▼B

(34) L-entrata għall-barbun tat-tbajja' fiż-żona IV; l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona IIa; dik il-parti ta' IIIa li mhix koperta minn Skagerrak u Kattegat tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Barbun tat-tbajja' *Pleuronectes platessa*	**Żona:**	Iż-żona IV; l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona IIa; dik il-parti ta' IIIa li mhix koperta minn Skagerrak u Kattegat (PLE/2A3AX4)
Il-Belġju	6 407 (1)		
Id-Danimarka	20 823 (1)		
Il-Ġermanja	6 007 (1)		
Franza	1 202 (1)		
Il-Pajjiżi l-Baxxi	40 045 (1)		
Ir-Renju Unit	29 633 (1)		
L-Unjoni	104 117		
In-Norveġja	7 514		
TAC	111 631		TAC analitika

Kundizzjoni speċjali:

fi ħdan il-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet mogħtija hawn taħt fiż-żona li ġejja:

	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV (PLE/*04N-)
L-Unjoni	42 723

(1) Barra minn din il-kwota, Stat Membru jista' jagħti lil bastimeti li jtajru l-bandiera tiegħu u li jipparteċipa fn provi dwar sajd għalkollox dokumentat allokazzjoni addizzjonali fi ħdan limitu ġenerali ta' 5 % tal-kwota allokata lil dak l-Istat Membru, taħt il-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament."

(35) L-entrata għall-barbun tat-tbajja' fiż-żoni VIId u VIIe tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Barbarun tat-tbajja' *Pleuronectes platessa*	**Żoni:**	VIId u VIIe (PLE/7DE.)
Il-Belġju	871 (1)		
Franza	2 903 (1)		
Ir-Renju Unit	1 548 (1)		
L-Unjoni	5 322		
TAC	5 322		TAC analitika

(1) Barra minn din il-kwota, Stat Membru jista' jagħti lil bastimeti li jtajru l-bandiera tiegħu u li jipparteċipa fn provi dwar sajd għalkollox dokumentat allokazzjoni addizzjonali fi ħdan limitu ġenerali ta' 1 % tal-kwota allokata lil dak l-Istat Membru, taħt il-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament."

▼B

(36) L-entrata għall-pollakkju iswed fiż-żoni IIIa u IV; l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa, IIIb, IIIc, u s-Subdiviżjonijiet 22-32 tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Pollakkju iswed *Pollachius virens*	**Żona:**	IIIa u IV; l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa, IIIb, IIIc u s-Subdiviżjonijiet 22-32 (POK/2A34.)
Il-Belġju	27		
Id-Danimarka	3 189		
Il-Ġermanja	8 054		
Franza	18 953		
Il-Pajjiżi l-Baxxi	81		
L-Isvezja	438		
Ir-Renju Unit	6 175		
L-Unjoni	36 917		
In-Norveġja	40 619 (1)		
TAC	77 536		TAC analitika

(1) Jistgħu jinqabdu biss mill-ilmijiet tal-UE taż-żona IV u miż-żona IIIa (POK/*3A4-C). Qabdiet maqbuda fi ħdan din il-kwota għandhom jitnaqqsu mis-sehem tat-TAC tan-Norveġja."

(37) L-entrata għall-pollakkju iswed fiż-żona VI; l-ilmijiet tal-Unjoni u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb, XII u XIV tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Pollakkju iswed *Pollachius virens*	**Żona:**	VI; l-ilmijiet tal-Unjoni u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb, XII u XIV (POK/56-14)
Il-Ġermanja	367		
Franza	3 647		
L-Irlanda	403		
Ir-Renju Unit	3 128		
L-Unjoni	7 545		
In-Norveġja	500 (1)		
TAC	8 045		TAC analitika

(1) Għandhom jinqabdu fit-Tramuntana ta' 56° 30' N (POK/*5614N)."

(38) L-entrata għall-pollakkju iswed fl-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62°N tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Pollakkju iswed *Pollachius virens*	**Żona:**	L-ilmijiet Norveġiżi fit-Tramuntana ta' 62° N (POK/04-N.)
L-Isvezja	880 (1)		
L-Unjoni	880		
TAC	Mhux rilevanti		TAC analitika Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96

(1) Il-qabdiet inċidentali ta' bakkaljaw, merluzz tal-linja sewda, pollakkju u merlangu għandhom jingħaddu mal-kwota għal dawn l-ispeċijiet."

▼B

(39) L-entrata għall-ħalibatt tal-Groenlandja fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa u IV; l-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb u VI tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Ħalibatt tal-Groenlandja *Reinhardtius hippoglossoides*	**Żona:**	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa u IV; l-ilmijiet tal-Unjoni u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb u VI (GHL/2A-C46)
Id-Danimarka	11		
Il-Ġermanja	20		
L-Estonja	11		
Spanja	11		
Franza	185		
L-Irlanda	11		
Il-Litwanja	11		
Il-Polonja	11		
Ir-Renju Unit	729		
L-Unjoni	1 000		
In-Norveġja	1 000 (1)		
TAC	2 000		TAC analitika

(1) Għandhom jinqabdu fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa u VI. Fiż-żona VI, din il-kwantità tista' tinqabad biss bil-konz (GHL/*2A6-C)."

▼C1

(40) L-entrata għall-kavalli fiż-żoni IIIa u IV; l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa, IIIb, IIIc, u s-Subdiviżjonijiet 22-32 tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Kavalli *Scomber scombrus*	**Żona:**	IIIa u IV; l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa, IIIb, IIIc u s-Subdiviżjonijiet 22-32 (MAC/2A34.)
Il-Belġju	768 (2)		
Id-Danimarka	26 530 (2)		
Il-Ġermanja	800 (2)		
Franza	2 417 (2)		
Il-Pajjiżi l-Baxxi	2 434 (2)		
L-Isvezja	7 101 (1) (2)		
Ir-Renju Unit	2 254 (2)		
L-Unjoni	42 304 (1) (2)		
In-Norveġja	256 936 (3)		
TAC	Mhux rilevanti		TAC analitika

(1) Kundizzjoni speċjali: inkluż it-tunnellaġġ li ġej li għandu jinqabad fl-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62° N (MAC/*04N-):
247
Waqt is-sajd taħt kundizzjonijiet speċjali, il-qabdiet inċidentali ta' bakkaljaw, merluzz tal-linja sewda, pollakkju u merlangu u pollakju iswed għandhom jingħaddu mal-kwoti għal dawn l-ispeċijiet.

(2) Jistgħu jinqabdu wkoll fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IVa (MAC/*4AN.).

(3) Għandhom jitnaqqsu mis-sehem tat-TAC tan-Norveġja (kwota ta' aċċess). Dan l-ammont jinkludi s-sehem Norveġiż li ġej fit-TAC tal-Baħar tat-Tramuntana:
74 500
Din il-kwota tista' tinqabad fiż-żona IVa biss (MAC/*04A.), minbarra l-ammont li ġej, f'tunnellati, li jista' jinqabad fiż-żona IIIa (MAC/*03A.).
3 000

▼B

Kundizzjoni speċjali:

fi ħdan il-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt fiż-żoni li ġejjin:

	IIIa	IIIa u IVbc	IVb	IVc	VI, l-ilmijiet internazzjonali taż-żona IIa, mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2014 u f'Diċembru 2014
	(MAC/*03A.)	(MAC/*3A4BC)	(MAC/*04B.)	(MAC/*04C.)	(MAC/*2A6.)
Id-Danimarka	0	4 130	0	0	15 918
Franza	0	490	0	0	0
Il-Pajjiżi l-Baxxi	0	490	0	0	0
L-Isvezja	0	0	390	10	4 112
Ir-Renju Unit	0	490	0	0	0
In-Norveġja	3 000	0	0	0	0”

